

Brussell, 22 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12882/23

LIMITE

COPEN 309
DROIPEN 133
JAI 1137
ENV 976
RELEX 1035

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12644/23, 12766/23
Nru dok. Cion:	11545/23 REV 1 + ADD 1 REV 1, 11546/23
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, f'negozjati dwar Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172) - Adozzjoni u Dokument ta' Pożizzjoni mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar l-abbozz ta' Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali - Approvazzjoni

Introduzzjoni

Il-Kunsill tal-Ewropa ddeċieda li jissostitwixxi l-Konvenzjoni tiegħu tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali.¹ Fid-dawl tan-negozjati, li huma mistennija jibdeu b'sessjoni mis-16 sat-18 ta' Ottubru 2023, għandu jingħata mandat lill-Kummissjoni biex tipparteċipa f'dawn in-negozjati f'isem l-Unjoni. Għandu jiġi approvat ukoll dokument ta' pożizzjoni.

¹ Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali, ETS Nru 172, adottata fl-4 ta' Novembru 1998.

Sitwazzjoni attwali

– Deċiżjoni tal-Kunsill

Fis-7 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, f'negozjati dwar Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172), kif ukoll abbozz ta' Rapport ta' Spjegazzjoni għaliha (11545/23 REV 1 + ADD 1 REV 1).

Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsillieri ĠAI (COPEN) eżaminaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u l-abbozzi ta' direttivi ta' negozjati li jakkumpanjawh għall-ewwel darba.

Fid-19 ta' Lulju 2023, il-Coreper iddeċieda li jżid l-Artikolu 83(2) TFUE mal-bażi legali tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (12034/23).

Fl-4 ta' Settembru 2023, il-Kunsillieri ĠAI eżaminaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjati għat-tieni darba abbażi ta' test rivedut mill-Presidenza (12235/23).

Sussegwentement, tnediet proċedura ta' silenzju informali. L-eżitu ta' din il-proċedura kien li l-Istati Membri kollha setgħu jaqblu fil-livell tekniku mat-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjati li jakkumpanjawh (kif jinsabu fid-dokument 12644/23).

Wara, il-ġuristi lingwisti eżaminaw it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. It-test li rriżulta minn din l-analiżi jinsab fid-dokument 12693/23. Id-direttivi ta' negozjati huma stabbiliti fl-ADD 1 għal dan id-dokument.

– *Dokument ta' Pożizzjoni*

Fl-aħħar ta' Ġunju, il-Kummissjoni sottomettiet "Dokument informali mħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali" (11211/23). Id-dokument kellu l-għan li jiddefinixxi pożizzjoni mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar l-abbozz ta' Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa. Wara r-Rakkomandazzjoni ta' hawn fuq għal Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat dokument informali aktar dettaljat (11546/23) fl-10 ta' Lulju 2023.

Id-delegazzjonijiet eżaminaw id-dokumenti informali fil-laqgħat tal-5 u tal-14 ta' Lulju, u sussegwentement fil-25 ta' Lulju (abbażi ta' 11969/23), u fit-18 ta' Settembru 2023 (abbażi ta' 12766/23).

Wara din l-aħħar laqgħa tnediet proċedura ta' silenzju informali. L-eżitu ta' din il-proċedura kien li l-Istati Membri kollha setgħu jaqblu fil-livell tekniku mat-test tad-"Dokument ta' Pożizzjoni mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar l-abbozz ta' Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali" fid-dokument 12891/23.


Konklużjoni

Fid-dawl ta' dawn ta' hawn fuq,

- a) il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma t-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjati li jakkumpanjawha, fid-dokument 12693/23 + ADD 1 u jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta din id-Deċiżjoni;
 - jikkonferma t-test tad-dokument ta' pożizzjoni fid-dokument 12891/23 u jirrakkomanda li l-Kunsill japprova dan id-dokument;

b) il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill, u d-direttivi ta' negozjati li jakkumpanjawha fid-dokument 12693/23 + ADD 1;²
- japprova d-dokument ta' pożizzjoni fid-dokument 12891/23.



² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tiġi ppubblikata fil-ĠU f'konformità mal-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.